Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,421, 12 ta' Ġunju, 2020
Taqsima B

A.L. 238 tal-2020

ATT DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFICJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

Regolamenti tal-2020 dwar is-Sospensjoni tal-Korsijiet għat-Tiġdid tal-Liċenzji tal-Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità li jestendu l-validità tal-liċenzji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 24 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, il-Ministru responsabbli għall-pulizija għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2020 dwar is-Sospensjoni tal-Korsijiet għat-Tiġdid tal-Liċenzji tal-Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità li jestendu l-validità tal-liċenzji.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

Kap. 389.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità;

"gwardjan privat" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att;

"uffiċjal tal-komunità" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att.

Estensjoni.

3. Il-liċenzji ta' Gwardji Privati u Uffiċjali tal-Komunità li skadew fl-1 ta' Marzu 2020 jew wara sal-15 ta' Ġunju 2020 għandhom jiġu estiżi sal-1 ta' Awwissu 2020.

Tiġdid.

4. Il-liċenzji tal-Gwardji Privati msemmija fir-regolament 3 għandhom jiġu mġedda biss wara li d-detenturi tal-liċenzji jkunu għamlu *refresher* kors kif previst fir-regolament 4(3) tar-Regolamenti dwar il-Gwardji Privati.

L.S. 389.01.

Tħassir ta' L.S 389.05.

5. Ir-Regolamenti tal-2020 dwar is-Sospensjoni tal-Korsijiet għat-Tiġdid tal-Liċenzji tal-Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità huma b'dawn imħassra.